MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2007

Numru 962/2006

Il-Pulizija
(Spettur Mario Bonnici)
Vs
Charles Micallef

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat detentur ta’ karta ta’ identita’ numbru 84663(M), akkuzat talli fl- 20 ta’ Gunju 2006 u fiz-zmien ta’qabel, f’dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi’ skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skrittura wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zid jew biddel klawsoli, dikjarazzsjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skrittura kellhom, ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw. (Sec.183 Kap.9.). Fl-istess perjodu w cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, xjentement ghamel uzu u/jew ippermetta li jsir uzu minn

att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-Artikolu 183 tal-Kap.9 tal-ligijiet ta'Malta. (Sec.184 tal-Kap.9). Uza licenzja ta'vettura bil-mutur tas-sena ta'qabel, cioe wza licensja ta' vettura mahruga fuq Renault Nru. TAN-100 u ghamila fuq vettura ta'ghamla 'Mercedes' Nru. GAD-034 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita dwar it-Transport ta'Malta biex tintuza u/jew tkun fit-triq. (Sec.14(1) LN.476/2004, Sec.15(1)(a)(3) Chap.65)

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammisjoni fl-liema ammisjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa akkuzat b'reati taht l-Artikolu 183 u 184 tal-Kap. 9, u b'offizi taht l-Artikolu 14 (1) u 15 (1) (a) (3) tal-Kap. 25, u bl-Avviz Legali 476/2004.

Ghal dawn l-offizi l-imputat irregistra ammisjoni volontarja u inkondizjonata li hi ukoll riflessa fl-istqarrija minnu rilaxxjata lill-Pulizija. Minn dan l-istqarrija jirrisulta li l-imputat mar personalment u minn rajh jirraporta dak li kien ghamel.

Ghaldaqstant din il-Qorti fil-waqt li qeghda tiddikjarah hati tal-akkuzi u wara li rat l-artikoli tal-ligi fuq citati flimkien mal-Artikolu 7 tal-Kap. 9 qeghda ghal din id-darba tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sena mil-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap.446.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu taht din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------